**Dr. Ryan C. Pace LL.B., LL.D.**

A D V O C A T E

ryan_pace@hotmail.co.uk

RECEIVED 23 FEB 2024 PUBLIC CONTRACTS REVIEW BOARD

23 ta' Frar, 2024

Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi
info.pcrb@gov.mt

**RE: MSPP/02/2022 – Works Concession for the Regeneration and Design, Management, Operation, Maintenance and Handback of the Evans Building (Valletta) Site as a Superior Quality Tourism Accommodation Establishment**

Nikteb għan-nom ta' Katari Hospitality JV bi tweġiba għall-oġġezzjoni nterposta mis-soċjetà European School of English Limited [C-19714] datata 12 ta' Frar 2024 in konnessjoni mas-sejħa għall-proposti hawn fuq ċitata.

Illi filwaqt li Katari Hospitality JV tagħmel riferenza ampja għall-oġġezzjoni u appell mressqa minnha separatament dwar id-deċiżjoni tal-entità kontraenti ta' nhar il-31 ta' Jannar 2024, l-esponenti qiegħda tipprevalixxi ruħha wkoll mill-fakoltà li tippreżenta risposta bil-miktub għall-oġġezzjoni/appell ta' European School of English Limited fil-vesti tagħha ta' parti nteressata. Dan limitatament dwar it-tielet aggravju mqanqal mis-soċjetà appellanti.

European School of English Limited tilmenta illi *"a number of inexplicable extensions to the closing date for submissions, were specifically aimed to favour Katari Hospitality's bid"* billi – **dejjem skontha** – *"without such extensions and without submitting the amendments to its financial statements in the interim, Katari Hospitality would not have managed to meet the requisite economic, financial and technical capability criteria set out in the Concession."* Saħansitra **tallega** illi jeżistu *"cogent suspicions of collusion"*.

Anke mas-sempliċi daqqa t'għajn, hu evidenti li l-appellanti qiegħda tqanqal dawn il-konġetturi **biss** għaliex temmen li ħadd ħliefha ma hu kapaċi jwettaq dan il-proġett. Meta tagħsar l-ilment tal-appellanti, hu ovvju li hi ma tridx, u ma hix kapaċi, taċċetta l-fatt illi operatur ekonomiku ieħor kapaċi joffri pakkett aktar kompetittiv minn tagħha u allura, per konsegwenza ta' attitudni ta' prepotenza, tippretendi daqs li kieku għandha xi dritt divin illi jew tkun rakkomandata hi jew, altrimenti, jaqa' l-proċess sħiħ u b'hekk, l-inabilità tagħha li tagħmel offerta kompetittiva tkun ġiet sanata.

L-appellanti, li inċidentalment hija hi li ma rnexxielhiex tissodisfa *"the requisite economic, financial and technical capability criteria set out in the Concession"*, tinsisti illi l-estensjonijiet li ngħataw mill-awtorità kontraenti permezz tal-*corrigendum* pubblikat fis-17 ta' April 2023 (li estenda għeluq is-sejħa għall-21 ta' April 2023) u tal-*corrigendum*

pubblikat fl-20 ta' April 2023 (li estenda għeluq is-sejħa għat-28 ta' April 2023), iffaċilitaw biex *"Katari Hospitality changed its financial statements by filing last-minute amendments consisting in major adjustments to its financial entries, thus enabling this same bidder to turn its non-compliant gearing ratios into compliant ones"*.

Fattwalment, l-appellanti hija skorretta billi – kif jista' jiġi konfermat minn informazzjoni miżmuma mir-Reġistratur tal-Kumpanniji u li fiż-żgur tinsab fil-pussess tal-appellanti (għaliex kieku le, id-dettall ma jafuhx) – l-esponenti ma kienet teħtieġ (kuntrarjament għall-appellanti) ebda waħda mill-imsemmija estensjonijiet biex tkun f'qagħda li tissottometti offerta skont ir-rekwiżiti tad-dokument tas-sejħa relattiv. Għalhekk, anke jekk – **u dan qiegħed jingħad biss għall-grazzja tal-argument** – l-esponenti kellha kull dritt li tagħmel dawk il-modifiki (permissibbli skont il-liġi) kollha li jidhrilha kienu l-aktar opportuni sabiex tiffinalizza l-offerta tagħha, l-esponenti tiċħad b'mod assolut u l-aktar kategoriku kull allegazzjoni ta' kollużjoni jew imġieba oħra frawdolenti.

L-offerta tal-esponenti, kuntrarjament għal dik tal-appellanti, hija waħda valida u li tissodisfa r-rekwiżiti **kollha** tad-dokument tas-sejħa għall-proposti relattiv. Biss għaliex Katari Hospitality JV irnexxielha tressaq offerta kompetittiva, iżda fl-istess ħin waħda konformi mal-liġi u wkoll ma' dak li riedet l-awtorità kontraenti, ma jfissirx b'daqshekk li l-proċess huwa vvizzjat minn *"fraud"*, *"corruption"*, *"procedural irregularities"* u *"cogent suspicions of collusion"*. La tressqet, u la qatt tista' titressaq, xi prova li b'xi mod imqar remot tissostanzja xi waħda minn dawn l-allegazzjonijiet. Żgur ukoll ma okkorra mkien – a favur l-esponenti – xi element ta' *"favouritism"* għax l-esponenti mhijiex hi l-offerent rakkomandat. Ifisser biss li European School of English Limited, jogħġobha u ma jogħġobhiex, ma rnexxielhiex tressaq proposta kompetittiva biżżejjed biex tegħleb lill-esponenti. Xejn iżjed, xejn anqas.

Is-soċjetà appellanti ma jmesshiex tkejjel lil kulħadd b'xebirha. L-esponenti, kif ġja fissret dettaljatament fl-oġġezzjoni u appell tagħha, ma taqbilx mad-deċiżjoni tal-awtorità kontraenti u, wisq u wisq anqas, mal-mod kif tmexxiet l-evalwazzjoni biex waslet għar-rakkomandazzjoni ta' dik li **deherilha** kienet l-aktar offerta vantaġġjuża. Dan premess, iżda, l-esponenti żgur li mhix beħsiebha tadotta xi strateġija simili għal dik tal-appellanti u tazzarda tintimida b'sensiela ta' attakki – f'forom u mezzi differenti – fuq l-integrità ta' dawk kollha li kellhom involviment fil-proċess tas-sejħa. Jagħmel hekk biss min hu ċert li fil-mertu ma għandux raġun u min jidhirlu li hu 'l fuq mil-liġi u minn kulħadd.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, dan l-aggravju ma fih ebda siwi u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra s-soċjetà appellanti.

Daqstant għandha x'tissottometti l-esponenti.

**Avukat Ryan C. Pace**